MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 6/2013

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Micallef Anthony**
**ID 786754(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Jannar, 2013 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha centezmi (€484.09) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru AC50982471 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont rellattiv u Dok IZY3 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba' mija u erbgha u tmenin ewro u disgha centezmi (€484.09) bl-imghax legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------